# L-Ewwel Parroċċi ddedikati lill-Madonna



Kav. Adrian Melbourne KSJ

Tagħrif iżjed ċar dwar liema kienu l-ewwel parroċċi ddedikati lill-Madonna, għandna fiż-żminijiet eqreb lejna, speċjalment mis-seklu 15 'l hawn. Nafu li sas-sena 1436, f'Malta kien hawn biss żewġ parroċċi, il-waħda ewlenija li kienet il-Katidral tal-Imdina u l-oħra tal-Birgu, imwaqqfa ħafna żmien qabel is-sena msemmija. Fis-sena 1436, fil-knisja f'Malta, ġrat ġrajja importanti; it-twaqqif ta' 10 parroċċi ġodda fil-gżira Maltija. Wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru u n-Normanni, u l-ħelsien mill-ħakma tal-Għarab (1090), il-Knisja u l-popolazzjoni Maltija bdew jieħdu r-ruħ. Il-ħajja nisranija bdiet tikber mal-għadd tal-popolazzjoni, u l-ħtieġa tal-kura spiritwali kulma jmur bdiet tinħass aktar. Dan wassal sabiex ir-Rettur tal-Katidral kellu jinqeda b'qassisin oħra, viċi kurati, jew aħjar viċi kappillani, li kien jibgħat f'postijiet imbiegħda ħalli jieħdu ħsieb l-Insara mxerrda fl-ibgħad irħula tal-gżejjer tagħna.

Dawn il-viċi kappillani kienu ghadhom marbutin li jmorru ta' spiss għall-funzjonijiet tal-Katidral u allura dan kien ta' xkiel l-aktar kbir għall-kura li kellhom f'idejhom. Għalhekk, l-Isqof Mons. Senatore De Mello, fis-sena li semmejna, silet minn ħdan il-knisja Katidrali għaxar parroċċi li kienu dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| In-Naxxar | Iż-Żurrieq |
| Birkirkara | Is-Siġġiewi |
| Bir Miftuħ (Il-Gudja) | Ħaż-Żebbuġ |
| Ħal Qormi | Il-Mellieħa |
| Bisqallin (Iż-Żejtun) | Ħal Tartani (ħdejn il-Buskett) |

Minn dawn l-għaxar parroċċi ġodda, tlieta kienu ddedikati lill-Madonna; tan-Naxxar, tal-Mellieħa (lit-twelid tal-Madonna) u ta' Bir Miftuħ (lill-Assunta). Fit-43 villaġġ li kien hawn imxerrdin mal-gżira f'dak iż-żmien, kien hawn 46 knisja u 22 minnhom kienu ddedikati lill-Madonna b'dan il-mod:

Lill-Assunzjoni – 11-il knisja
Lit-Twelid – 5 knejjes
Lill-Annunzjazzjoni – 4 knejjes
Lill-Viżitazzjoni – 2 knejjes

F'dawk il-parroċċi kif ukoll f'dawk l-irħula fejn il-knisja ma kellhiex titlu tagħha, kont żgur issib xi artal jew iżjed li jkunu ddedikati lill-Madonna.

# PROĠETTI FUTURI

Il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament qiegħda taħdem bis-sħiħ biex tieħu ħsieb it-teżori tagħha li ħallewlna missirjietna, kif ukoll taħdem fuq proġetti ġodda li jkomplu jsebbħu kemm il-festa ta' Corpus Christi u anke l-festa titulari ta' Santa Marija.

Fil-preżent għaddejjin diversi laqgħat dwar proġetti li huma maħsuba għax-xhur u snin illi ġejjin, fejn il-Fratellanza qiegħda tagħmel l-istudji tagħha dwar liema opri artistiċi tagħha jistħoqqilhom l-attenzjoni. Hemm opri li għandhom bżonn attenzjoni immedjata u oħrajn li forsi jistgħu jistennew ftit. Barra dawn, hemm proġetti ta' xogħolijiet ġodda li l-ewwel iridu jiġu approvati mill-Kurja Arċiveskovili.

L-appell tagħna hu li intom is-sostenituri ta' din il-Fratellanza, tibqgħu tgħinuna bid-donazzjonijiet ġenerużi tagħkom. Ilkoll tafu li mingħajr finanzi jkun diffiċli ħafna li nibqgħu nirrestawraw u nieħdu ħsieb l-opri artistiċi li diġa' għandna, aħseb u ara kemm nidħlu għal proġetti ġodda. Nafu li intom dejjem tilqgħu l-appell tagħna għaliex permezz tad-donazzjonijiet tagħkom qegħdin inġibu r-riżultati. Il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tirringrazzjakom bil-quddiem tal-ġenerożità tagħkom.